# Fatima, Portugal

**GRUPP A: 14-18 TA' ĠUNJU**
**GRUPP B: 20-24 TA' SETTEMBRU**

**INŻURU: FATIMA, LISBONA, VALINOS, AJUSTREL, PORTO, TOMAR, MIRA DE AIRE CAVES, OBIDOS**

### IL-ĠIMGĦA

Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-03.45 għat-titjira FR9654 li ttir fis-05.45 u naslu Porto fit-08.05 (Ħin Lokali) Nibdew b' eskursjoni lejn il-belt kostali fil-Majjistral tal-Portugal **Porto**. Hawn ikollna city tourbiex naraw Il-knisja u kampnar/ Torri ta' Clerigos, Pjazza Liberta', Stazzjon San Bento. Ninżlu lejn Cais De Ribeira min fejn naqbdu 6 Bridges River cruise tour (extra). Wara nżuru Port Wine cellars (extra), u l-Katidral. Wara transfer bil-kowċ lejn **Fatima** li hi waħda mill-iżjed postijiet t'importanza Kattolika fid-dinja, iddedikata lil Verġni Marija. Akkomodazzjoni fil-**Hotel Santa Maria 4 star** ftit passi bogħod mis-Santwarju. Sistemazzjoni u Ċena fil hotel

### IS-SIBT

Wara li nieħdu breakfast ikollna ħin għal quddies. Kif ukoll nibdew inżuru postijiet ta' devozzjoni bħal Perpetual Adoration Chapel, Chapel of Apparitions, kif ukoll il-bażilika. Wara nofsinnhar inżuru **Valinhos** (mini train extra), fejn naraw l-istazzjonijiet tal-Via Crucis. Inżuru wkoll **Ajustrel** biex naraw id-djar fejn kienu jgħixu t-tlett ragħja Lucia, Jacinta u Francesco. Ċena fil-hotel.

### IL-ĦADD

Breakfast u transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru kummerċjali ta' Fatima fejn ikollna ħin liberu għal xi shopping, Inkomplu lejn Tomar u l-**Caves ta' Mira D'Aire**. Mal-wasla tagħna ġewwa Tomar inżuru Templars Monastery (entratura extra) u wara dawra bil-mixi mal-belt. Ħin liberu biex wara nżuru l-Caves ta' Mira D'Aire (entratura extra), fejn ser ikollna guided tour ta' dawn l-għerien spettakolari u naraw show fantastiku ta' dancing waters. Ritorn lejn Fatima għaċ-ċena. Filgħaxija nattendu għar-ruzarju internazzjonali li jsir fil-Kappella tal-Apparizzjoni. Wara nakkumpanjaw lil Madonna waqt il-purċissjoni Aux Flambeaux.

### IT-TNEJN

Buffet Breakfast u wara transfer lejn **Lisbona** l-belt kapitali tal-Portugal fejn ikollna eskursjoni ta' ġurnata mill-iżjed interessanti. Kif naslu mmorru dritt lejn iċ-Centru ta' Alfama b'mod speċjali biex naraw il-Katidral u l-knisja fejn twieled Sant'Antnin. Mal-leader niskopru l-Pjazza Kummerċjali, it-Triq Augusta, Pjazza Don Pedro u Restauradores.
Ħin liberu biex bil-kowċ inkomplu lejn Belem żona fuq ix-xmara Tagus. Inżuru Torri Belem, il-Pont Vasco De Gama, Monasteru Jeronimos u l-monument Padros Dos Descobrimentos. Lura lejn il-lukanda ġewwa Fatima, ċena u ħarġa mal-leader.

### IT-TLIETA

Breakfast u wara nerħula lejn il-belt ta' **Obidos**, li hija meqjusa bħala l-isbaħ belt medjevali fil-Portugall. Nżuru Porta da Vila, wara ngħaddu min taħt l-arkata u nidħlu fil-belt il-qadima. It-toroq sbiħ biċ-ċagħaq se joħduna lura fiż-żminijiet medjevali. Ngħaddu mill-belt il-qadima, nammiraw il-faċċata imponenti tal-kastell ta 'Obidos. Din il-fortizza hija waħda mis-Seba' Għeġubijiet tal-Portugall. Se nieqfu wkoll quddiem l-akwadott, wieħed mix-xogħlijiet kbar tal-inġinerija tal-belt. Ħin liberu għall-ikel mit--triq prinċipali kollha ħwienet u ristoranti. Inkomplu lejn **l-ajruport ta' Lisbona** sabiex nagħmlu ċ-check in għat-titjira FR9655 li ttir fil-15.40 u naslu lura Malta fis-19.50

**5**
**T'IJIEM**

**MINN €**
**685**
**KULL PERSUNA**

### PREZZ KULL PERSUNA
### ESKURSJONIJIET, HALF BOARD U TAXXI MĦALLSHA

| | Normali | Skontat |
|---|---|---|
| Kamra ta' tlett persuni | €735 | €685 |
| Kamra żewġ persuni | €740 | €690 |
| Kamra ta' persuna waħda | €870 | €820 |
| Tfal sa 11-il sena f' kamra ma' żewġ adulti | €640 | €590 |

### PREZZ JINKLUDI

- Titjira Ryanair > Malta-Porto/Lisbona-Malta
- Check in Luggage 20kg
- Eskursjonijiet kollha mħallsa (esklużi l-entraturi u boat trips)
- 4 iljieli-Hotel Santa Maria 4 star
- Buffet Breakfast
- Ċena kuljum
- Taxxi tal-ajruport u city tax
- Tour Leader
- Insolvency Protection

